# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Kostituzzjonali Numru:- 250/2020 JVC**

**Anthony Cauchi**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrent Anthony Cauchi espona u talab kif isegwi:

'Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu 2018 l-esponenti instab ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ċioe talli b' diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoniji tal-ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda:

1. Daħħal f'Malta porvli tal-isparar jew esplożivi ohra, mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi żamm ghall-bejgħ jew ħażen porvli jew esplożivi mingħajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kontra d-dispożizzjoni tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, ġarr minn post ghall-ieħor porvli tal-isparar jew esplożivi mingħajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi għamel jew xjentament żamm jew kellu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu xi sustanza esplożiva, taħt ċirkustanzi illi jgħatu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi hu ghamilha, żammha jew kienet għall-ħsieb mhux leċitu;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, u/jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 mingħajr ma kellu l-licenzja meħtieġa;

Illi dik l-Onorabbli Qorti wara li rat l-Art 3(1), 9(1), 26C, 27, 28, 29(1), 30, 40(1)(2)(3), 40A, 40B, 45A(1)(a)(b)(d) tal-Kap 33 u artikolu 17(), 313,314, 533 tal-Kap 9 u artikoli 5(1), 51(2) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-esponenti ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu kif fuq ingħad u:

1. Ikkundannatu Tmintax-il xahar (18) ħabs li bl-applikazzjoni tal-Artikoli 28A tal-Kap 9 ġew sospiżi ghal tlett (3) snin mid-data tas-sentenza u multa komplessiva ta' tletin elf Euro (€30,000);

2. Ordnatlu iħallas l-ispejjeż ta' elfejn, erba' mija u ħamsin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,450.37) li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li kellhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur mil-lum,

3. Ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess tiegħu maħruġa taħt ir-regolamenti 79/2006 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

4. Ordnat il-konfiska tal-isplussiv maqbud u l-oġġetti kollha esebiti f'dawn l-atti ħlief il-flus li ma irriżultax lill-prosekuzzjoni li ġew minn xi attivita' kriminali.

Illi minkejja li kienet mitluba mill-prosekuzzjoni, l-Qorti ma irrevokatx il-liċenzji tal-esponenti iżda ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jeżerċita' l-poter li

għandu u dan skont il-Kap. 33 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jidħlu liċenzji tal-logħob tan-nar tal-esponenti.

Illi sussegwentament ftit żmien wara l-esponenti ġie infurmat mill-Kummissarju tal-Pulizija illi l-liċenzji tiegħu ġew revokati.

Illi r-revoka tal-liċenzji tal-esponenti sureferiti hija waħda leżiva fid-drittijiet fundamentali tiegħu u dana peress illi fl-ewwel lok ir-revoka saret mingħajr mal-esponenti ingħata smiegħ xieraq fil-proceduri li waslu għar-revoka tal-istess liċenzji u fit-tieni lok tali revoka tammonta għal piena doppja u dana bi ksur tal-prinċipju tan-ne bis in idem u tal-Artikoli 6 u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, bi ksur tal-Artikolu 4 tas-7 Protokol tal-istess Konvenzjoni u bi ksur tal-Artikolu 39 (1) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-agir tal-intimati qed ikun ta' detriment finanzarju kontra l-esponenti u l-familja tieghu.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi r-revoka tal-Liċenzji mill-Kummissarju intimat hekk kif fuq ingħad hija leżiva fid-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif sanċiti taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-Artikolu 4 tas-7 Protokol tal-istess Konvenzjoni u taħt is-Subartikoli 39 (1) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Konsegwentament tipprovdi rimedju inkluż il-ħlas ta' kumpens xieraq.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija li taqra kif isegwi:

'Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija fis-sens illi r-revoka tal-Licenzja abbazi tat-Taqsima IV tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta mil-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tieghu qed jiġi miksur hija leziva fid-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanciti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem, l-artikolu 4 tas-7 protokol tal-istess protokol u taht is-subartikoli (1) u (3) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk qieghed jitlob rimedju inklus il-hlas ta' kumpens xieraq;

1. Illi in linea preliminari l-esponent Avukat tal-Istat jecepixxi illi m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet odjerni *stante* illi r-revoka tal-licenzja Kategorija A mahruga taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta tal-attur ittiehdet mill-esponent Kummissarju tal-Pulizija abbazi tal-artikolu 26C u 26C (a) (i) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi in linea preliminari l-esponenti jecepixxu illi l-attur qieghed jatakka decizjoni u qieghed jiccita ligi zbaljata fir-rigward. Tenut kont illi l-azzjoni odjerna hija wahda kostituzzjonali t-talbiet kif proposti gja huma **monki ab initio** ghaliex ma kien hemm ebda decizjoni ghar-revoka tal-licenzja taht l-artikoli tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fi kwalunke kas u strettament minghajr pregudizzju ghal eccezzjonijiet suesposti, l-esponenti jecepixxu illi l-attur kellu a disposizzjoni tieghu rimedju ordinarju permezz ta' stharrig

gudizzjarju tad-decizjoni amministrattiva tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 8 ta' Mejju 2018 u ezegwita fit-22 ta' Mejju 2018 ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant l-esponent ma ezawrixiex r-rimedju ordinarju a disposizzjoni u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha;[1]

4. Illi l-esponenti jecepixxu illi m'hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem *stante* illi l-esponent dejjem setgha jattakka l-ghemil amministrattiv permezz ta' stharrig gudizzjarju ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kemm il-darba dak ir-rimedju jigi ezawrit, mbghad l-attur kien jkollu r-rimedju kostituzzjonali quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif munita bil-poteri kostituzzjonali. Ghalhekk l-attur gialadarba kellu access ghal Qrati sabiex tigi riveduta d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma jistghax jinghad illi m'ghandux opportunita' jikkontesta d-decizjoni tal-esponent Kummissarju tal-Pulizija;

5. Illi l-esponenti jecepixxu illi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija illi jirrevoka il-licenzja Kategorija A mahruga taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta tal-attur datata 8 ta' Mejju 2018 u ezegwita fit-22 ta' Mejju 2018 huwa ghemil amministrattiv u mhux process penali. Ghaldaqstant ma hemm ebda piena kriminali doppja kif qieghed jallega l-attur *stante* illi wiehed ghandu jaghmel distinzjoni bejn process kriminali fuq naha, u decizjoni amministrattiva fuq naha ohra. Ghandu jkun pacifiku illi l-gudikat ta' Qorti kriminali u d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ghandhom natura kompletament differenti. Konsegwentament

[1] Skond l-proviso ghas-subartikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

m'hemm ebda vjolazzjoni tal-artikolu 4 tas-7 protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

6. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jsib ebda applikazzjoni fil-kuntest odjern. Ir-revoka ta' licenzja ta' Kategorija A mahruga taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Kummissarju tal-Pulizija ma tinvolvix 'akkuza ta' reat kriminali' imma decizjoni amministrattiva tal-istess esponent kummissarju tal-Pulizija;

7. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jsib ebda applikazzjoni fil-kuntest odjern. Id-decizjoni amministrattiva tal-Kummissarju tal-Pulizija m'hijiex decizjoni li ttiehdet minn Qorti gudikanti. Fi kwalunkwe kas, id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma ttiehdet b'ebda habi imma giet kkomunikata lill-attur fit-22 ta' Mejju 2018 (vide kopja tal-order of service hawn annessa u mmarkata Dok 'Cop 3');

8. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi d-decizjoni li tigi revokata l-licenzja Kategorija A mahruga taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta tal-attur ttiehdet abbazi tal-artikolu 26C (a) (i) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux abbazi tal-artikolu 206 (B) u (C) tat-taqsima XV tal-Kap 10. tal-Ligijiet ta' Malta *stante* illi l-attur kkometta "*reat gravi kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra regolamenti magħmulintaħt l-artikolu 22*" (kopja tas-sentenza tat-23 ta' Marzu 2018 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali "Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri vs. Anthony Cauchi" qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok '**COP 1**'). Illi l-artikolu 26C tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmila cara illi l-Kummissarju "**ghandu**" jirrevoka l-licenzja gialadarba r-rekwiziti

aktar isfel imnizzlin fl-artikolu jigu sodisfatti. Id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija m'hijiex wahda diskrezzjonali imma tassativa. Ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda legalment korretta li ttiehdet abbazi tal-Ligi vigenti.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjez.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tieghu.'

Rat il-kopja tad-decizjoni fil-konfront tar-rikorrent esebita a fol 15 et seq tal-process u li ggib id-data tat-23 ta' Marzu, 2018.

Rat li fil-verbal tas-16 ta' Marzu, 2021, r-rikorrenti talab li jigu annessi mal-atti odjerni l-atti tal-proceduri kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs. Anthony Cauchi (8/2017)** u rat li din il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-vera kopja tal-atti kriminali annessi.

Rat illi fil-verbal datat 16 ta' Dicembru 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent iqajjem lment ta' indoli kostituzzjonali u allegat ksur tal-jedd fundamentali tieghu ghal smigh xieraq u l-principju tan-*ne bis in idem* fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-Artikolu 4 tas-7 Protokol tal-istess Konvenzjoni u taht is-Subartikoli 39 (1) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ir-rikorrent jirrileva illi nhar it-23 ta' Marzu, 2018 huwa nstab hati ta' diversi akkuzi relatati mal-importazzjoni, hazna, bejgh, garr ta' porvli tal-isparar jew esplozivi ohra minghajr id-debiti licenzji tal-Kummissarju tal-Pulizija u wkoll li dan zammhom ghal skopijiet mhux lecitu u akkuzi ohra relatti. Huwa gie kkundannat tmintax-il xahar habs sospizi ghal tlett snin u multa komplessiva ta' tletin elf Euro (€30,000). Gie wkoll ordnat ihallas l-ispejjez tal-esperti nominati. Ir-rikorrent jilmenta dwar dik il-parti tad-decizjoni fejn intalab li l-Qorti tirrevoka l-licenzji tar-rikorrent izda skont ir-rikorrent, ghalkemm il-Qorti stess ma rrevokatx il-licenzji, din ordnat li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jezercita hu l-poter li ghandu taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jidhlu licenzji tal-loghob tan-nar tar-rikorrenti u konsegwentement giet fil-fatt revokata l-licenzja A. Ir-rikorrent jallega li dan sehh bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghaliex isostni li d-decizjoni tar-revoka ttiehdet minghajr ma hu nghata smigh xieraq u wkoll li r-revoka tal-Licenzja A tammonta ghal piena doppja allura bi ksur tal-principju tan-*ne bis in idem.*

Da parti taghhom l-intimati jeccepixxu fl-ewwel lok li l-Avukat tal-Istat mhux il-legittimu kontradittur, li ghall-kuntrarju ta' dak

espost mir-rikorrent ma kien hemm l-ebda revoka ta' licenzja fit-termini tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, li r-rikorrenti kellu rimedju iehor taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jargumentaw li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji tieghu, li ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali anki ghaliex ir-rikorrent kellu r-rimedju ta' revizjoni tad-decizjoni amministrattiva, li l-ghemil attakkat taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed amminsitrattiv u mhux ta' natura penali ghaldaqstant ma hemm l-ebda piena doppja, li d-decizjoni ttiehdet mill-Kummissarju tal-Pulizija u mhux minn Qorti u ghalhekk l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma japplikax u finalment illi d-decizjoni ttiehdet konsegwenza diretta tal-fatt li r-rikorrent instab hati ta' reat gravi kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza jew kontra regolamenti maghmulin taht l-artikolu 22 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma kinitx wahda diskrezzjonali izda tassattiva.

Illi dwar il-punti l-aktar rilevanti ghall-kaz odjern id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati datata 23 ta' Marzu 2018 a fol. 15 et seq fl-imputazzjoni kienet taqra kif isegwi:

'Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tissospendi kull licenzja tan-nar tal-imputat fil-kors ta' dawn il-proceduri u dan skont l-Artikolu 26B tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitljuba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-licenzja jew licenzji tan-nar mahrugin skont din l-Ordinanza dwar l-Esplozivi u kif ukoll il-Qorti ghandha 'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza ghandha tapplika l-Artikolu 45 A

(1) (a) jew 45A (1) (b) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta kif inhu l-kaz; . . .

. . . Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex tordna sospensjoni ta' kull licenzija taht il-Kapitolu 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li din l-Onorabbli Qorit jidhrilha li hu xieraq;'

Illi fil-parti rilevanti fid-decide d-decizjoni li r-rikorrent qed jilmenta minnha taqra kif isegwi:

'Inoltre, tordna s-sospensjnoi tal-licenzja jew permess tieghu mahruga taht ir-regolamenti 79/2006 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal-perjodu ta' sentejn mil-lum. . . .

. . .Il-Qorti qeghda tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jezercita' l-poter li ghandu u dan skont Kap 33 tal-ligijiet ta' Malta fejn jidhlu licenzji tal-loghob tan-nar tal-hati.'

Rat illi konsegwenza tan-notifika tad-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija, permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju, 2018 indirizzata lir-rikorrent (a fol. 30 tal-process), ir-rikorrent gie mgharraf mill-istess Kummissarju kif isegwi:

<u>'Revoka tal-Licenza Kategorija A mahruga taht il-Kapitolu 33 l-Ordinanza dwar l-Esplozivi'.</u>

Nixtieq ninfurmak illi, il-Licenza A mahruga skont il-Kapitolu 33, l-Ordinanza dwar l-Esplozivi, qeghdha tigi irrevokata b'effett

immedjat skont ma' hemm imnizzel fl-Artikolu 26C, u 26 C (a) (i) tal-istess Ordinanza.

Dan qieghed isir ghaliex inti nstabt hati ta' diversi reati li jmorru kontra d-dispozizzjonijiet tal-istess Ordinanza dwar l-Esplosivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, pemezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex fit-23 ta' Marzu, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdulha.'

Rat illi l-artikoli citati mill-Kummissarju tal-Pulizija jaqraw kif isegwi:

'26Ċ. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jirrevoka xi liċenza jew liċenzi, kif ikun il-każ, maħruġin skont din l-Ordinanza jew skont regolamenti magħmulin taħt din l-Ordinanza li kull persuna li:

(a) tkun ġiet misjuba ħatja ta':

(i) reat gravi kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 22; . . .'

L-artikolu 22 li sssir referenza ghalih jaqra kif isegwi:

'22.(1) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jagħmel,u wara li jkun għamel, jemenda, iħassar jew jerga' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanzau għat-tneħħija ta' diffikultajiet fit-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u dwar il-kontroll, restrizzjoni jew projbizzjoni ta'importazzjoni, ħdim, preparazzjoni, ħżin, irfiegħ, ġarr, maniġġ,tqassim u użu ta' esplożivi, u partikolarment, iżda

mingħajr ħsara għal ġeneralità tas-setgħa fuq imsemmija, jista' jagħmelregolamenti għall-finijiet kollha jew għal xi wieħed minn dawn liġejjin:

(a) dwar il-bini, pjantar, materjali u armar ta' ġewwa u ta'barra tal-fabbriki tal-porvli tal-isparar, tal-fabbriki tax-xogħlijiet tan-nar, jew fabbriki oħra, imħażen tal-munizzjon, imħażen jew ħwienet, sew fuq l-art kemmfuq il-baħar, li fihom jinħadmu, jinżammu jewjinbiegħu esplożivi, kif ukoll għal dawk il-prekawzjonijiet l-oħra kollha li għandhom jiġuosservati f'dawk il-postijiet;

(b) għall-kwalifiki dwar l-età, saħħa, kondotta preċedenti,kapaċità teknika, u dawk il-konsiderazzjonijiet l-oħra li jkunu stabbiliti fir-regolamenti, u għall-obbligi ta'persuni li huma sidien tal-imsemmija fabbriki, imħażen ta' esplożivi, imħażen jew ħwienet, jew humaimpjegati fihom, jew għandhom aċċess għalihom, jew ikollhom il-liċenzi tagħhom, jew ikollhom x'jaqsmu b'xi mod fil-ġarr, maniġġ, ħruġ jew għoti ta' nar lill-esplożivi, inkluża l-ħtieġa li kull liċenza mogħtija biex tinżamm fabbrika ta' esplożivi tkun marbuta bil-kondizzjoni illi tittieħed, a spejjeż ta' min ikollu l-liċenza, polza ta' sigurtà, sew individwali kemm kollettiva, li tkopri kull impjegat u kull persuna li jkollha aċċess għall-imsemmija fabbrika bħala ħaddiem volontarju kontra l-mewt jew inkapaċità permanenti li tista' tiġri minħabba jew waqt ix-xogħol tiegħu f'ammont ta' mhux anqas minn elfejn tliet mijau disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(2,329.37);

(ċ) għal kull ħaġa inċidentali u supplementari li għaliha l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jidhirlu meħtieġali jipprovdi għall-finijiet tar-regolamenti.Kap. 446.Kap. 9.

(2) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu illi, dwar xi wieħed jew aktar mir-regolamenti jew dwar xi klassi jew aktar ta' regolamenti, id-disposizzjonijiet tal-Att dwaril-Probation, jew l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jkunux igħoddu.'

Rat l-atti kollha tal-process kriminali anness.

Rat l-affidavitt tar-rikorrent Anthony Cauchi a fol. 376 u 377 tal-process. Ir-rikorrent jikkonferma dak gia riportat fir-rikors promotur. Izid li fil-proceduri kriminali minkejja li mitluba mill-prosekuzzjoni, l-Qorti ma rrevokatlux il-licenzji tan-nar. Izid kif isegwi:

'Illi sussegwentement ftit zmeinw ara jien gejt infurmat mill-Kummissarju tal-Pulizija illi l-licenzji tieghi gew revokati. Jiena qatt ma basart li kien sejjer ikolli l-licenzji tieghi revokati u dan ghaliex kont diga ingahtajt piena mil-Qorti tal-Magistrati. Ma bsartx li sejjer nerga nigi penallizzat fuq l-istess haga mill-Kummissarjut al-Pulizija. Jiena inghatajt piena ohra fuq dik li kienet tatni l-Qorti.

Nghid illi l-Kummissarju qatt ma infurmani li kien beda xi process biex jirrevokali l-lienzji. Sirt naf l-ewwel darba li kien hemm dan il-process meta ircivejt l-ittra tat-8 ta' Mejju 2018 fejn gejt infurmat li din giet revokata.

Effett tar-revoka jiem lanqas nista' nidhol gewwa hwejgi.'

Rat l-affidavit tas-Surpretendent Denise Miruzzi a fol 384 et seq tal-process. Fl-affidavit taghha hija tispjega li mal-mument li

nfethet l-inkjesta dwar dak akkadut u dak li nstab fil-kamra tan-nar tal-Madonna tal-Virtu, fl-Gharb, Ghawdex, l-Ufficcju tal-Armi fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija mill-ewwel ha azzjoni u permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Marzu, 2017 r-rikorrent gie nfurmat illi bis-sahha ta' dak li jipprovdi l-artikolu 26 B tal-Ordinanza dwar l-Esplozivi, Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, il-licenzji mahruga lilu taht l-istess Att kienu qeghdin jigu sospizi mid-9 ta' filghodu tad-29 ta' Marzu 2017 pendenti l-inkjesta u l-proceduri fil-konfront tar-rikorrent. Ittiehdu provvedimenti sabiex jinstab *licensee* iehor li fuqu setghet tigi l-fabbrika tan-nar u b'hekk ma taghlaqx.

Dwar is-sentenza tal-Qorti u r-revoka tal-licenzji applikabbli tixhed kif isegwi:

'Il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-licenzja jew permessi tas-Sur Anthony Cauchi mahruga taht ir-regolamenti 79/2006 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn, u ordnat illi tintbghat kopja tas-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jezercita l-poter li ghandu skont il-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jidhlu licenzji tal-loghob tan-nar tieghu.

Illi fit-22 ta' Mejju 2018 is-Sur Anthony Cauchi gie notifikat illi il-Licenzja A mahruga skont il-Kapitolu 33, l-Ordinanza dwar l-Esplosivi kienet qed tigi revokata b'mod immedjat skont ma hemm imnizzel fl-aRtikolu 26 C u 26 C (a) (i) tal-istess Ordinanza;

Fit-23 ta' Marzu 2020 is-sospensjoni tal-licenzja tal-armi ghaddiet u regghet giet riattivata.

Illi fil-kaz tal-Licenzja dwar l-Esplosivi, talba ghall-hrug tal-licenzja tkun tista' tigi ikkunsidrata biss wara it-23 ta' Marzu 2023

sakemm ma jkunx hemm xi sejbien ta' htija fuq xi reati ohra illi jipprekludu lill-Kummissarju tal-Pulizija milli johrog din il-licenzja;

Il-poteri tal-Kummissarju tal-Pulizija johorgu mill-Artikoli 26 B fil-kaz ta' sospensjoni tal-licenzja waqt proceduri dwar ksur tal-provedimenti ta' din l-Ordinanza u mill-Artikolu 26 C (a) (i) fil-kaz tar-revoka tal-licenzja. L-obbligu illi tittiehed il-licenzja mill-Kummissarju huwa tassattiv u mhux diskrezzjonali.'

Ix-xhud tispecifika li d-decizjoni li tigi revokata l-licenzja Kategorija A mahruga taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta lir-rikorrenti ittiehdet a bazi tal-artikolu 26 C (a) (i) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux a bazi tal-artikolu 206 (B) u (c) tat-taqsima XV tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta stante li r-rikorrent ikkommetta reat gravi kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza.

Ix-xhud temfasizza li r-revoka tal-licenzja hija procedura li tintuza b'mod regolari anki f'kazijiet ohra simili. Tghid li dan huwa process amministrattiv illi jwettaq il-Kummissarju tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijietu.

Taghlaq ix-xiehda taghha billi tikkonferma li r-rikorrent ma ressaq l-ebda talba ghal stharrig ta' ghemil amministrattiv fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija jew kawza civili dwar ir-revoka tal-licenzja.

In kontro-ezami ix-xhud tikkonferma li bejn is-sentenza tal-Qorti u d-decizjoni tar-revoka tal-licenzja A l-Kummissarju ntimat ma ghamel ebda kuntatt mar-rikorrent ghaliex ir-revoka ttiehdet konsegwenza tal-istess decizjoni. Dwar il-fatt li r-rikorrent ghandu

fabbrika tan-nar u li allura minghajr il-licenzja huwa ma jistax jidhol wisaq anqas imexxi din il-fabbrika hija kkonfermat li f'dan il-kaz ikun irid jinstab *licencee* iehor li jkun prezenti fil-fabbrika altrimenti hadd ma jista' jidhol fiha.

**Ikkunsidrat ulterjoment;**

Illi l-kawza odjerna titratta allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem principalment tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-artikolu 4 tas-7 Protokol tal-istess Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (1) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitkellmu dwar id-dritt ghal smigh xieraq u l-principju tan-*ne bis in idem*.

**Eccezzjoni li l-Avukat tal-Istat mhux il-legittimu kontradittur:**

Illi fl-ewwel lok l-intimat Avukat tal-Istat jeccepixxi li d-decizjoni tar-revoka tal-licenzja ttiehdet mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija u mhux minnu, jsostni wkoll li skont il-ligi l-Kummissarju tal-Pulizija huwa wkoll rapprezentat tal-Istat u ghalhekk ma kienx hemm lok li jigi mharrek ukoll l-Avukat tal-Istat li allura mhux il-legittimu kontradittur.

Il-Qorti rat li l-artikolu 181 B (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'(2) L-Avukat tal-Istat jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jisthgu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.'

Il-Qorti rat li n-natura tat-talba tar-rikorrenti hija dik li konsegwenza tal-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent allegatament gew lezi. Il-Qorti tifhem li l-Kummissarju tal-Pulizija jista jwiegeb direttament f'kaz li d-decizjoni tieghu qed tigi attakkata mil-lat amministrattiv izda mhux fejn id-decizjoni tieghu qed tigi attakkata mil-lat kostituzzjonali u allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, partikolarment fejn dak li qed jigi attakkat hija l-ligi stess li tawtorizza lill-Kummissarju li jirrevoka l-licenzja in kwistjoni. Huwa llum ben stabilit anki fil-gurisprudenza li huwa l-Avukat tal-Istat li jirraprezenta lill-Istat f'kazijiet ta' din in-natura u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat li ssostni li mhux il-legittimu kontradittur.

**Eccezzjoni li r-rikorrent naqas milli jutilizza r-rimedji ordinarji disponibbli ghalih u cioe' r-rimedju ta' revizjoni amministrattiva tal-agir tal-Kummissarju intimat:**

Illi din il-Qorti m'ghandix wisq fiex tintilef dwar din l-eccezzjoni. Hija ormai gurisprudenza stabbilita li f'kazijiet fejn ir-rikorrent ikun qed jallega ksur ta' drittijiet fundamentali tieghu hija din il-Qorti fis-sede kostizzjonali taghha li hija moghnija bil-poter li tisma' u tiddeciedi l-ilment u l-ebda Qorti ohra. Huwa car li kieku r-rikorrent agixxa taht l-artikolu 469 A tal-Kap. 12, dik il-Qorti ma kienx ikollu l-poter li tiddeciedi dwar l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali u taghti rimedju ghall-istess kif qed tigi mitluba li taghmel din il-Qorti. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabeix tichad ukoll it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimati.

**Mertu:**

Illi l-Qorti rat li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent huwa l-fatt li, konsegwenti ghad-decizjoni ta' htija moghtija fil-konfront tieghu li ggib id-data 23 ta' Marzu, 2018 (fol. 15) u konsegwenti l-fatt li din giet notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, dan tal-ahhar ipproceda sabiex permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2018 (fol. 30) irrevoka l-Licenzja A tal-loghob tan-nar mahruga skont il-Kapitolu 33, l-Ordinanza dwar l-Esplosivi skont kif stipulat fl-artikolu 26 C u 26 C (a) (i) tal-istess Ordinanza.

Illi din il-Qorti rat li fit-termini tal-istess Ordinanza il-licenzja A, kif originarjament mahruga favur ir-rikorrent, din inharget *ab inizio* fit-termini u suggetta ghal dak impost fl-istess Ordinanza nkluz ir-revoka tal-istess jekk isehh dak previst fl-artikoli 26 C u 26 C (a) (i) tal-istess. Ghandu ghalhekk jitqies li r-rikorrent kien ben konxju tal-obbligi u l-kundizzjonijiet li jemanu mill-Ordinanza fil-mument li nharget il-licenzja favur tieghu. Huwa car mil-ligi li allura r-rikorrent kien jaf, jew kellu jkun jaf, li jekk jinstab hati ta' agir sanzjonat fl-istess Ordinanza, bhala konsegwenza diretta tal-istess, il-Licenzja tigi revokata minghajr ebda diskrezzjoni moghtija lill-Kummissarju ntimat dwar din id-decizjoni. Il-Qorti taghmel referenza ghall-uzu tal-kelma 'ghandu' fl-istess artikolu.

Jirrizulta lil Qorti li mhux minnu li f'dak kollu li sehh ir-rikorrent ma nghatax il-jedd ghal smigh xieraq. Fil-mument li r-rikorrent beda jigi nvestigat u tressaq mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien jaf ben tajjeb li jekk huwa ser jinstab hati, wahda mill-konsegwenzi diretti tal-htija kienet ser tkun ir-revoka tal-Licenzja A mill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-prosekuzzjoni u d-difiza inghataw ekwa opportunita li jressqu l-provi u jitrattaw il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti tal-Magistrati finalment sabet il-htija tal-imputat rikorrent odjern. Konsegwenza diretta ta'

dik id-decizjomi l-Qorti tal-Magistrati kellha bilfors tordna li d-decizjoni taghha tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija dan ghaliex il-poter li tigi revokata l-licenzja (ghalkemm intalbet lill-Qorti) mhux  tal-Qorti izda tal-Kummissarju tal-Pulizija.  Da parti tieghu  l-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandu l-ebda diskrezzjoni fit-termini tal-Ordinanza dwar jekk il-licenzja ghandhiex tigi revokata jew le ghal darb' ohra ssir referenza ghall-kelma 'ghandu'.  La darba r-rikorrent nstab hati l-Kummissarju  kellu bilfors jirrevoka l-licenzja. Stante l-fatt li r-revoka hija wahda diretta u awtomatika konsegwenza tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati jfisser li ma kien hemm l-ebda bzonn jew lok li l-Kummissarju tal-Pulizija jibghat ghar-rikorrent sabiex dan tal-ahhar iressaq l-argument tieghu  kontra r-revoka.  L-opportunita' tas-smigh xieraq inghatat lir-rikorrent fl-istadju tas-smigh tal-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati.  Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li mhux minnu li sehhet lezjoni tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrent.  Ir-rimedju tar-rikorrent f'dawn ic-cirkustanzi u skont dak li tghid il-ligi huwa li wara t-trapass ta' tlett snin mir-revoka tal-licenzja, (f'dan il-kaz kif xehdet is-Surpretendent Miruzzi f'Marzu tas-sena 2023),  huwa jista' jitlob lill-Kummissarju sabiex ivarja din id-decizjoni. Huwa f'dak l-istadju li l-Kummissarju ghandu diskrezzjoni  fil-ligi dwar jekk il-Licenzja tibqax revokata jew le.

Illi dwar l-allegazzjoni tal-piena doppja bi ksur tal-principju tan-*ne bis in idem* din il-Qorti tqis ukoll li dan ma jirrizultax fil-kaz odjern. Fil-fatt il-Qorti rat li sa mill-bidu tal-proceduri fil-konfront tar-rikorrent, quddiem il-Qorti tal-Magistrati saret it-talba sabiex tigi revokata l-Licenzja A tar-rikorrent fit-termini tal-Ordinanza in kwistjoni.  Fid-decizjoni taghha l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet sabiex tirrevoka l-licenzja taz-zamma tal-armi stante li l-ligi taghti

dak il-poter direttament lill-Qorti, filwaqt li konsegwenza tal-fatt li r-rikorrent nstab hati ordnat li d-decizjomi taghha tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jghaddi biex jirrevoka wkoll il-Licenzja A mahruga fit-termini tal-Ordinanza stante li l-konsegwenzi tal-artikolu 26 C u 26 C (a) (i) avveraw ruhhom. Din mhix kwistjoni ta' piena doppja izda huwa evidenti li parti mill-piena fil-konfront tar-rikorrent rizultat tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kienet tinkludi wkoll ir-revoka tal-Licenzja A tar-rikorrent. Minghajr id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, l-Kummissarju tal-Pulizija ntimat ma setax jghaddi sabiex jirrevoka b'mod effettiv l-istess Licenzja fil-fatt sa dak iz-zmien kien biss issospenda l-istess. L-artikolu 26 C tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmila cara illi l-Kummissarju ghandu jirrevoka l-licenzja gialadarba r-rekwiziti imnizzlin fl-artikolu jigu sodisfatti. F'dan kollu l-Qorti ma hi qed tara l-ebda mposizzjoni ta' piena doppja kif qed isostni r-rikorrent. Il-Qorti ghalhekk ma ssib l-ebda ksur ukoll tal-jedd fundamentali kontra l-imposizzjoni ta' piena doppja.

Il-Qorti in oltre ma tistax ma tinnotax li r-rikorrent naqas milli jezercita' d-dritt tieghu ta' appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, liema decizjoni wasslet ghar-revoka tal-Licenzja A. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-kawza odjerna hija msejsa wkoll mill-fatt li r-rikorrent naqas milli jappella mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, possibilment ghaliex ma rrealizzax li l-konsegwenza legali ta' dik id-decizjoni kienet ser tkun ukoll ir-revoka tal-Licenzja A tal-loghob tan-nar, izda l-injoranza tal-ligi ma tista' sservi tal-ebda sostenn ghar-rikorrent fl-ilment odjern.

In vista ta' dak kollu suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ilment u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors ta' indoli kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tiddikjara li l-Avukat tal-Istat huwa leġittimu kontradittur;

2. Tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-intimati;

3. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzonijiet tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż u stante li ma sabet l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif elenkati fir-rikors promotur tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Mejju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Reġistratur**
**31 ta' Mejju 2022**